MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 486/1996/1

**Giuseppe Seychell, Carmena Desira, Michelina Buttigieg u Catherine Micallef aħwa Seychell u żwieġhom rispettivament Antonia Seychell, Joseph Desira, Emmanuel Buttigieg u Angelo Micallef għal kull interess li jista' jkollhom.**

**-vs-**

**Rita Mercieca mart George u l-istess George Mercieca għal kull interess li jista' jkollu u Consiglio Seychell ġuvni aħwa Seychell kif ukoll l-Avukat Dottor Christopher Cilia u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Marzu, 1996 ġew ikkonfermati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-imsiefra Emmanuela Camenzuli *neé* Seychell mart Emmanuel u l-istess Emmanuel Camenzuli għal kull interess li jista' jkollu, u b'digriet ta' l-4 ta' Mejju, 2007 l-atti ġew trasfużi f'isem George Mercieca u uliedu Sylvana mart Jason, Dirvan u Effron aħwa Mercieca**

***stante* l-mewt ta’ Rita Mercieca li seħħet fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta’ Frar, 1996 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi Salvatore Seychell missier il-kontendenti, miet intestat fl-24 ta’ Jannar, 1971;

Illi Rosa armla minn Salvatore Seychell, omm il-kontendenti, mietet fl-10 ta’ Ottubru, 1994;

Illi l-wirt ta’ Salvatore Seychell huwa regolat skond il-liġi *stante* li miet *ab intestato*;

Illi l-wirt ta’ Rosa Seychell jinsab regolat bl-aħħar testment tagħha, pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Marica Buttigieg Sciberras tat-22 ta’ Settembru, 1994; Dok. A;

Illi permezz ta’ noti preżentati fis-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili, ilkoll datati 4 ta’ April, 1995 u li jġibu n-numri 295/95, 296/95 u 297/95, l-atturi rispettivament Catherine Micallef, Carmena Desira u Joseph Seychell, filwaqt li żammew ferm u sħiħ id-dritt tagħhom tal-leġittima fuq l-istess eredita’ ta’ ommhom, kienu rrinunzjaw għall-istess wirt bħala eredi;

Illi l-attriċi Michelina Buttigieg ġiet imħollija biss il-leġittima mill-wirt ta’ ommha skond l-aħħar testment ta’ Rosa Seychell fuq ċitat Dok. A;

Illi l-atturi ma jridux jibqgħu fi stat ta’ komunjoni mal-konvenuti;

Illi l-istess konvenuti ġew interpellati inutilment diversi drabi biex jersqu għal likwidazzjoni u diviżjoni ta’ l-assi appartenenti lill-eredita’ tal-ġenituri tagħhom Salvatore u Rosa konjuġi Seychell;

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:-

1. Tillikwida l-assi appartenenti għal komunjoni ta' l-akkwisti *gia'* eżistenti bejn Salvatore u Rosa konjuġi Seychell kif ukoll l-assi parafernali ta' kull wieħed u waħda mid-*decuius*;

2. Tillikwida s-sehem rispettiv tal-kontendenti kollha fil-konfront ta' l-eredita' tal-ġenituri tagħhom;

3. Tordna li ssir pjan ta' diviżjoni okkorrendo permezz ta' periti nominandi, b'mod illi l-porzjonijiet jirriflettu l-ishma rispettivi ta' kull ko-dividend;

4. Tordna li ssir is-sorteġġ ta' l-istess porzjonijiet bil-polza u/jew per assenjazzjoni u/jew b'kull mod ieħor li jkun jidhrilha xieraq u opportun din l-istess Qorti;

5. Tordna li jsir il-kuntratt pubbliku ta' diviżjoni skond il-qasma kif fuq ordnata bejn il-kontendenti u dan f'data, ħin u lok fissat minn din il-Qorti; tinnomina kuraturi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċja u Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa qed jiġu nġunti personalment biex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Rita u George konjuġi Mercieca u Consiglio Seychell, ippreżentata fil-11 ta' Marzu, 1996, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla *stante* l-ġudizzju mhux integru peress illi ma ġiex imħarrek wieħed ko-dividendi, Ephrem Mercieca li huwa eredi ta' Rosa Seychell skond it-testment tagħha tat-22 ta' Settembru, 1994.

2. Illi l-azzjoni intentata mill-atturi hija intempestiva *stante* illi għadhom ma sarux id-denunzji u d-

dikjarazzjonijiet kollha rikjesti mil-liġi tat-trasferimenti ta' l-immobbli skond l-Artiklu numru 63(1) ta' l-Att 17 ta' l-1993.

3. Illi l-esponenti dejjem kienu favur diviżjoni ġusta bejn il-koproprjetarji, u kienu dejjem l-atturi li proponew valuri eżorbitanti li mpedew lill-partijiet milli jaslu għal ftehim.

4. Illi qabel il-qsim għandu jittieħed in konsiderazzjoni u jitnaqqsu l-benefikati li saru fl-immobbli in diviżjoni, mill-konvenuti.

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Christopher Cilia LL.D. u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil, ippreżentata fil-5 ta' Ġunju, 1996, li permezz tagħha eċċepew bir-rispett:

1. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju, l-irritwalita' taċ-ċitazzjoni *stante* illi l-atturi naqsu milli jippreżentaw iċ-ċertifikati tal-mewt ta' Salvatore Seychell u ta' Rosa Seychell, naqsu li jippreżentaw ir-riċerki testamentarji mir-Reġistru Pubbliku, mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili u mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja ta' l-istess Salvatore Seychell u Rosa Seychell, u naqsu wkoll li jippreżentaw lista ta' l-eredi.

2. Illi f'dan l-istadju huma m'humiex perfettament edotti mill-fatti li jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw nota ta' l-eċċezzjonijiet fi stadju ulterjuri anke wara li jkunu rċevew id-direttivi opportuni mingħand l-assenti Emanuel u Emanuela Camenzuli.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku u dak tal-periti addizzjonali u l-atti proċesswali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawża għal qsim ta' proprjeta' li l-kontendenti wirtu mingħand il-ġenituri tagħhom. Filwaqt li l-missier miet intestat u allura l-partijiet wirtu indaqs (wieħed minn sebgħa {$^{1}/_{7}$} kull wieħed), l-omm għamlet testment li minħabba l-kontenut tiegħu l-atturi rrinunzjaw għall-wirt tagħha u żammew id-dritt għal-leġittima (*eccetto* l-attriċi Michelina Buttigieg li ġiet imħollija l-leġittima f'kull każ), filwaqt li l-konvenuti kollha huma werrieta u kwindi wirtu lil ommhom bejniethom wara li titnaqqas il-leġittima spettanti lill-atturi. Quddiem il-perit tekniku l-partijiet qablu (permezz ta' verbal li sar fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 1997) illi għalhekk lill-missier Salvu Seychell il-partijiet wirtuh fi kwota ta' wieħed minn sebgħa {$^{1}/_{7}$} kull wieħed u waħda u lill-omm Rosa Seychell l-atturi wirtu wieħed minn erbatax {$^{1}/_{14}$} kull waħda, filwaqt li l-konvenuti disgħa minn tmienja u għoxrin {$^{9}/_{28}$} kull wieħed u waħda. Għandu jingħad pero' li peress li l-mejta Rosa Seychell ħalliet permezz ta' legati l-proprjeta' immobbiljari kollha tagħha lill-konvenuti Seychell u Mercieca (anke sehemha minn proprjeta' tagħha lil bint il-konvenuta Mercieca) fil-prattika l-konvenuta assenti tista' titqiegħed fl-istess keffa ta' l-atturi. Il-partijiet qablu wkoll li l-kwoti żgħar taż-żewġ għelieqi fil-limiti taż-Żejtun jibqgħu in komuni bejniethom u allura ma daħlux fil-pjan ta' diviżjoni li ħejja l-perit tekniku.

Il-proprjetajiet in komuni ġew stmati hekk mill-perit tekniku:

- Fond numru 60, illum numru 84, Triq Santu Wistin, Żejtun; sebgħa u għoxrin elf u ħames mitt Lira Maltin (Lm27,500).

- Fond numru 17, Triq Sant'Antnin, Żejtun; sitt elef, seba' mija u ħamsin Lira Maltin (Lm6,750), iżda billi terz tħalla lil Ephraim Mercieca li ma kienx parti fil-kawża – daħal sussegwentement u nċidentalment peress li hu wieħed mill-werrieta ta' ommu l-konvenuta Mercieca, li mietet fil-mori tal-kawża, il-parti li ser tinqasam hija ta' erbat elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm4,500).

- Garaxx *gia'* 22, jismu St. Catherine, Triq Kanonku De Domenico, Żejtun; erbgħa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm24,000).

- Proprjeta' bla isem fl-istess triq sovrapposta għall-garaxx imsemmi; erbgħa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm24,000).

A bażi tal-kostatazzjonijiet li għamel, il-perit tekniku ppropona pjan ta' qasma li permezz tiegħu l-konvenuti Mercieca u Seychell ġew assenjati l-ewwel fond u l-atturi u l-konvenuta Camenzuli l-proprjetajiet l-oħra bil-ħlas ta' ekwiparazzjoni ta' mitejn, tmienja u sittin Lira Maltin (Lm268) da parti ta' kull wieħed u waħda minn dawn ta l-aħħar. Il-konvenuti għamlu t-talba għal periti addizzjonali mhux għaliex ma qablux mal-valutazzjonijiet iżda għaliex proprjeta' minnhom, u *cioe'* dik ta' fi Triq De Domenico, Żejtun, ġiet indikata bħala proprjeta' parafernali tal-missier filwaqt li sostnew li din kienet ta' ommhom. Appuntu fuq din il-kontestazzjoni twalet il-kawża. Il-periti addizzjonali qablu mal-konvenuti u wieħed jinnota li kemm id-domandi in eskussjoni li sarulhom u kemm in-noti ta' osservazzjonijiet iċċentraw l-iktar fuq dan il-punt. Il-partijiet pero' jidhru li jaqblu mal-mod kif għandha ssir id-diviżjoni, u *cioe'* li l-atturi u l-konvenuta Camenzuli jieħdu porzjoni u l-konvenuti jieħdu porzjoni oħra, u l-Qorti ser tgħaddi biex taddotta dan it-tip ta' qasma billi kull parti ser ikun messha proprjeta' immobbiljari *sia pure* in ko-proprjeta' ladarba hemm il-kunsens taghhom stess.

Fir-rigward ta' min hija l-proprjeta' kontestata l-Qorti tħoss li la l-perit tekniku u lanqas dawk addizzjonali ma kienu korretti fil-konklużjoni tagħhom li fuq kollox tesorbita mill-kompitu' tagħhom billi hija kwistjoni purament legali. Il-

Qorti tħoss li la naħa u lanqas oħra ma ressqu argumenti konvinċenti fir-rigward għaliex in mankanza ta' titolu għandu jiġi applikat il-prinċipju sanċit mill-Kodiċi Ċivili fl-Artiklu 1321 (1) li proprjeta' ta' konjuġi għandha tiġi konsidrata jew preżunta li tappartjeni għall-komunjoni ta' l-akkwisti fin-nuqqas ta'prova mod ieħor. Dikjarazzjonijiet *causa mortis* m'huma xejn ħlief dikjarazzjonijiet unilaterali u jsir għal skopjiet fiskali mhux ċertament biex ifornu xi prova ta' proprjeta'. Għalhekk il-Qorti ser tqis din il-proprjeta' ukoll bħala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjuġi Seychell.

*In vista* ta' dan allura l-proprjeta' appartenenti lil Salvu Seychell, u *cioe'* kif indikat mill-periti addizzjonali a fol. 329 iżda b'żieda ta' nofs indiviż tal-fond imsemmi għandha valur ta' tmienja u ebgħin elf, ħames mija, tnejn u tletin Lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm48,532.70), u dik tal-mejta Rosa Seychell tlieta u tletin elf, seba' mija u sbatax-il Lira Maltin u tletin ċenteżmu (Lm33,717.30). Mingħand missierhom il-partijiet għandhom jieħdu sitt elef, disa' mija, tlieta u tletin Lira Maltin u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm6,933.24) kull wieħed u mingħand ommhom il-konvenuti Mercieca (issa uliedha) u Seychell għaxart elef, tmien mija, sebgħa u tletin Lira Maltin u sebgħin ċenteżmu (Lm10,837.70) kull wieħed u waħda, u l-partjiet l-oħra elfejn, erba' mija u tmien Liri Maltin u sebgħa u tletin ċenteżmu (Lm2,408.37) kull wieħed u waħda. B'kollox għalhekk dawn ta' l-aħħar għandhom jieħdu disgħat elef, tliet mija, wieħed u erbgħin Lira Maltin u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm9,341.61) kull wieħed u waħda, u l-konvenuti msemmija sbatax-il elf, seba' mija u sebgħin Lira Maltin u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm17,770.94) kull wieħed u waħda.

Għalhekk il-Qorti ser tordna li l-konvenuti Seychell u Mercieca jiġu assenjati l-proprjetajiet fi Triq Santu Wistin u l-kumplament (tnejn minn tlieta {$^2/_3$}) ta' 29, Triq Sant'Antnin, u l-atturi u l-konvenuta Camenzuli ż-żewġ proprjetajiet l-oħra u jħallsu bħala ekwiparazzjoni s-somma ta' seba' mija u tmien Liri Maltin u sebgħa u tletin ċenteżmu (Lm708.37) kull wieħed u waħda minnhom lill-konvenuti msemmija u għalhekk tliet mija, erbgħa u

ħamsin Lira Maltin u tmintax-il ċenteżmu (Lm354.18) kull wieħed u waħda minnhom lil kull wieħed u waħda mill-istess konvenuti. Il-valuri ġew indikati għal skopjiet prattiċi fil-munita Maltija naturalment fid-disposittiv tas-sentenza l-ammont ser jiġi ndikat bl-Euro, u allura tmien mija, ħamsa u erbgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€845.52).

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u:**

**1. tillikwida l-assi tal-mejtin konjuġi Seychell f'ishma fiż-żewġ għelieqi magħrufa rispettivament bħala Ta' Slaġġ u tal-Moġġ, it-tnejn limiti taż-Żejtun *oltre* l-fondi urban iktar 'l isfel imsemmija;**

**2. tordna li dawn iż-żewġ għelieqi jibqgħu in komuni bejn il-kontendenti fuq talba tagħhom stess;**

**3. tassenja l-proprjetajiet urbani b'dan il-mod, u *cioe'* li l-fond numru 84, *gia'* 60, Triq Sanu Wistin, u ż-żewġ terzi indiviżi tal-fond 17, Triq Sant'Antnin, Żejtun jiġi assenjat kwantu għal nofs indiviż lill-konvenut Seychell u n-nofs l-ieħor indiviż lill-ulied il-mejta konvenuta Mercieca (li ġew ammessi fil-kawża) u t-terz l-ieħor ta' dan l-aħħar fond jiġi assenjat lill-konvenut Ephraim Mercieca; il-garaxx *gia'* numru 22, jismu St Catherine u l-fond sovrappost għalih fi Triq Canonico De Domenico, Żejtun jiġu assenjati fi kwint indiviż kull wieħed u waħda lill-kontendenti l-oħra, u *cioe'* l-atturi u l-konvenuta assenti Camenzuli; b'dan li l-istess atturi u l-konvenuta Camenzuli għandhom iħallsu kull wieħed u waħda minnhom is-somma ta' tmien mija, ħamsa u erbgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€845.52) lill-konvenut Seychell u l-istess somma lill-ulied il-konvenuta Mercieca bejniethom bħala ekwiparazzjoni;**

**4. tordna li l-kuntratt ta' diviżjoni jsir nhar il-11 ta' Diċembru, 2008 fl-edifiċju tal-Qrati Superjuri f'nofsinhar u tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv u lill-Avukata Dottoressa Norma Vella bħala kuratriċi ta' l-eventwali**

**kontumaċi fuq l-istess att. L-ispejjeż tal-kawża u ta' dan l-att jitħallsu kwantu għal nofs mill-atturi u l-konvenuta Camenzuli u n-nofs l-ieħor il-konvenuti Seychell u Mercieca bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------